Pamphlet
Box

# L-ORDNI TA' SAN LAZZRU TA' ĠERUSALEMM

# THE ORDER OF ST. LAZARUS OF JERUSALEM



Tony C Cutajar CLJ

MEL
CR
5037
.C875

L-Università ta' Malta

Junior College Library

Class Mark CR5037.C875

No. of Volumes

Remarks

REFERENCE

*496842*

# L-ORDNI TA' SAN LAZZRU TA' ĠERUSALEMM

**Tony C Cutajar CLJ**





*Il - Granmastru*
*Dun Francisco de Borbon y Escasany*
*Duke ta' Sevilla*

# DAĦLA

Ilu jinħass il-bżonn li tinkiteb l-istorja ta' l-Ordni antika ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm speċjalment bil-Malti. Ftit huma dawk f'pajjiżna li għandhom xi tagħrif dwar din l-Ordni internazzjonali tal-Kavallieri li fl-imgħoddi għamlet ħafna ġid materjali u spiritwali partikularment fost il-lebbrużi. L-attivitajiet filantropiċi u karitattivi li jagħmlu l-membri tagħna fil-preżent huma konċentrati b'mod speċjali fl-oqsma tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni f'ħafna mill-pajjiżi tad-dinja, speċjalment f'dawk tat-tielet dinja. B'dan il-mod huma qed jgħinu biex jintlaħqu l-għanjiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Magħquda u tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Jeżistu għadd ta' Ordnijiet ta' Kavallieri anke f'Malta u mhux ta' b'xejn li hawn min ifixkilna ma' Ordnijiet oħra. Għalhekk kien providenzjali li Tony C Cutajar ħareġ bl-idea li jiġbor l-istorja ta' l-Ordni tagħna fil-qosor kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Minbarra li huwa jagħmel sehem minn din l-Ordni, Tony huwa studjuż u awtur stabbilit f'Malta u dan ix-xogħol tiegħu żgur li għandu jkun apprezzat mill-pubbliku in ġenerali.

Ċertament li aħna bħala Ordni napprezzaw ħafna din il-kitba tiegħu b'mod speċjali issa li fis-sena 2005 hawn Malta se jkollna x-xorti li nilqgħu fostna lill-Gran Mastru ta' l-Ordni għal-laqgħa internazzjonali li ssir kull sentejn u li tiġbed l-għola awtoritajiet fl-Ordni minn ħafna pajjiżi differenti. B'hekk nispera li l-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm issir magħrufa aħjar u x-xogħol fejjiedi u fil-kwiet li jagħmlu l-membri tagħha jiġi stmat iktar mill-pubbliku Malti.

**Chev. R S Attard**
**Gran Kanċillier.**



49

# INTRODUZZJONI

Jiena ftit kont naf dwar din l-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm. L-ewwel kuntatt li kelli mal-membri tagħha kien meta bħala Sindku ta' San Ġwann jiena ġejt mistieden minn Commander Chev. Stuart Hamilton biex nattendi waħda mill-funzjonijiet tagħhom. Din saret fil-kwartieri ġenerali ta' l-Ordni fit-Torri Lanzun li jinsab f'San Ġwann. Kienet okkażjoni li ma stajtx nitlef. Jiena minn dejjem kelli għal qalbi kull m'għandu x'jaqsam ma' wirt artna u bħala Chairman tal-kumitat tal-wirt nazzjonali fi ħdan il-Kunsill Lokali kont l-ewwel wieħed li tlabt lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex jiskedaw il-wirt storiku li għandna fil-lokal tagħna. Kien ta' pjaċir għalija li l-postijiet importanti bħall-erba' kappelli, il-cart ruts u l-widien, ġew dikjarati bħala monumenti storiċi u ta' preżervazzjoni. Fosthom kien hemm ukoll it-Torri Lanzun li dejjem ammirajt minn barra speċjalment il-gallarija fil-kantuniera bil-balavostri tal-ġebel

Issa stajt nammirah ħafna aħjar minn ġewwa. Fiż-żewġ kotba li ħareġ il-Kunsill dwar l-istorja ta' San Ġwann jiena kont semmejt l-istorja tat-Torri, kif għamilt ukoll f'xi wħud mill-kotba li ppublikajt bħala stejjer għat-tfal. Il-bini pittoresk u l-ambjent huma addattati ħafna għal organizazzjoni bħal ma hi l-Ordni ta' San Lazzru, anke jekk l-istorja ta' l-Ordni tmur ħafna sekli lura. Meta kont fit-Torri stajt nimmaġina kif kienet il-ħajja fi tmiem is-seklu sbatax meta l-post kien razzett fortifikat minħabba l-biża' tal-pirati Torok li kienu jinżlu fil-bajja ta' Spinola u jkaxkru magħhom bħala skjavi lil kull min isibu.

Hija ċertament koinċidenza kbira li l-bniedem li kien jgħix f'dan ir-razzett bl-isem ta' Wenzu Lanzun kien ġie joqgħod hawn mill-Kottonera wara li kien tilef il-familja tiegħu fi żmien il-pesta ta' l-1676. Skond tradizzjoni antika, il-bidu ta' l-Ordni kien sptar għal-lebbrużi mibni barra l-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm. Minbarra li kienu jieħdu ħsieb u jipproteġu l-pellegrini ta' l-Art Imqaddsa, il-Kavallieri ta' San Lazzru kienu dedikati b'mod speċjali għal dawk li kienu jsofru mill-marda kerha tal-ġdiem li f'dawk iż-żminijiet kienet komuni ħafna. L-Ordni għadha sal-ġurnata tal-lum tgħin finanzjarjament lil dawk li jbatu b'din il-morda f'ċerti pajjiżi fqar.

Waqt il-funzjoni fit-Torri jiena ġejt ippreżentat lil Chev. Reggie Attard, il-Gran Kanċellier, li stedinni nidħol membru magħhom u jien aċċettajt bil-qalb kollha. Għalhekk huwa pjaċir kbir tiegħi li qed inwasslilkom l-istorja ta' din l-Ordni li nkitbet ħafna drabi f'għadd ta' lingwi differenti. Huwa pjaċir ikbar għalija li għall-ewwel darba qed inkun strument biex din l-istorja tinkiteb ukoll bil-Malti. Ma stajtx ma nibdix bl-istorja tal-Kruċjati bħala sfond storiku għax hija marbuta intimament ma' l-istorja ta' l-Ordni antika ta' San Lazzru.

**Tony C Cutajar**
**10 ta' Ottubru 2003**

# IL-KRUĊJATI

Fis-sekli 7 u 8 il-qawwiet Islamiċi ħadu f'idejhom l-Art Imqaddsa fejn twieled, għex u miet is-Sinjur tagħna Ġesu` Kristu. L-ewwel ħakkiema Persjani u Għarab għamluha ċara li l-Kristjani ma kinux milqugħin fil-Palestina għalkemm għal sekli sħaħ huma ippermettew li jkun hemm xi forma ta' protezzjoni għall-insara li jmorru Ġerusalemm. L-ewwel darba li din il-protezzjoni bdiet isseħħ kienet taħt Charlemagne, il-fundatur ta' l-Imperu Qaddis Ruman u wieħed mill-ikbar statista u mexxejja insara. Il-pellegrini kienu liberi li jmorru mingħajr xkiel iżuru l-postijiet imqaddsa li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja u l-mewt ta' Ġesu`. Mhux talli hekk, talli beda jkun hemm postijiet tal-karita` biex jagħtu kenn lil dawn il-pellegrini. Fis-sena 603 l-Papa San Gregorju l-Kbir kien waqqaf apposta għal dan il-għan post ta' kenn li 'l quddiem kellu rabta spiritwali ma' l-isptar ta' San Ġwann li sar magħruf fid-dinja Kristjana.



Dan kollu tbiddel fis-sena 1010 fi żmien il-kalif Hakim. Ta' fanatiku li kien huwa qered il-postijiet sagri u beda jippersegwita bl-aħrax lill-insara. Wasal fi stat li ddikkjara lilu nnifsu alla iżda b'mod misterjuż ma deherx iżjed fl-1021. B'hekk fil-lvant reġa' kien hemm il-ħelsien bħal qabel u l-pellegrinaġġi medjevali mill-punent ta' l-Ewropa kienu fl-aqwa tagħhom. Il-protezzjoni tal-postijiet imqaddsa għaddiet f'idejn il-knisja Griega. Meta fl-1071 is-Saraċeni ġew milgħuba mit-Torok, il-pellegrinaġġi nsara bdew isiru diffiċli u perikolużi għax il-pellegrini bdew jiġu insulentati u anke ppersegwitati bħal qabel.

L-Imperatur Alexius Commenus talab lill-Papa Urbanus II biex jieħu passi urġenti dwar dan u l-Papa aċċetta r-responsabilta` li jsejjaħ lill-mexxejja tal-pajjiżi nsara biex jiddefendu l-Art Imqaddsa mill-Islam. Iltaqa' l-kunsill fi Clermont, Franza, fl-1095 li għalih attendew ħafna nobbli u iktar minn 200 isqof. Mijiet ta' kavallieri ngħataw slaleb ħomor taċ-ċarruta biex jilbsuhom fuq ħwejjiġhom u minn hawn bdiet tintuża l-kelma kruċjata. Dawn il-kavallieri bilfors kellhom ikunu nies nobbli u wlied is-sinjuri minħabba l-ispejjeż involuti kemm fl-ivvjaġġar kif ukoll fl-ilbies tqil, iż-żwiemel li kellhom u l-armi li kienu jġorru.

L-ewwel kruċjata ġiet immexxija minn prinċpijiet u nobbli l-biċċa l-kbira minn Franza, iżda b'parteċipazzjoni wkoll mill-Ġermanja, l-Ingilterra, l-Italja u l-pajjiżi Skandinavi. Dawn iltaqgħu Kostantinopli u fl-1097 kellhom l-ewwel rebħa fuq it-Torok sakemm waslu Antijokja. Din il-belt ħaduha taħt idejhom wara tmien xhur u s-sena ta' wara ħadu wkoll Ġerusalemm wara assedju ta' erbgħin jum. Il-kruċjati riedu jaħtru gvernatur tal-belt qaddisa u għażlu lil Godfrey de Bouillon. Iżda dan ma ried l-ebda titlu rjali fil-belt fejn Ġesu` bata u kien inkurunat bix-xewk. Aċċetta biss li jsejħulu Difensur tas-Santu Sepulkru. Meta miet is-sena ta' wara, ġie elett minfloku ħuh Baldwin I li malajr sejjaħ lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm.

Fi żmien qasir, il-Palestina saret bħal kull pajjiż ieħor fl-Ewropa bil-knejjes, monasterji u kastelli li bdew jinbnew. Ħafna minn nies tal-belt u tal-kampanja kienu Musulmani iżda ħadd ma pprova jikkonvertihom għar-reliġjon nisranija. Ftit minn dawk li ħadu sehem fil-kruċjata baqgħu fil-pajjiż għax il-biċċa l-kbira marru lura lejn pajjiżhom. Iżda malajr instab li ma kienx fadal kavallieri biżżejjed biex jiddefendu dak li kienu akkwistaw.

# Il-Kavallieri Ospidalieri

Dawn il-kavallieri tal-kruċjati kienu rġiel li ħadu l-voti tar-reliġjon bħal dawk tal-patrijiet iżda baqgħu jgħixu l-ħajja militari biex ikunu responsabbli fid-difiża tat-territorju f'idejn l-insara. Huma kienu membri ta' żewġ Ordnijiet. Waħda kienet l-Ordni ta' l-isptar ta' San Ġwann f'Ġerusalemm li ġie mwaqqaf fl-1070 biex jieħu ħsieb il-pellegrini morda fil-belt imqaddsa. Ħamsin sena wara, din l-Ordni saret għaqda militari. Il-membri tagħha kienu jissejħu Kavallieri Ospidalieri u kienu jilbsu l-iswed b'salib kbir abjad.

L-Ordni l-oħra kienet magħrufa bħala l-Ordni tat-Tempju ta' Salamun li twaqqfet fl-1118 biex tipproteġi lill-pellegrini fi triqthom mill-kosta sa Ġerusalemm. Il-membri tagħha kienu magħrufin bħala Kavallieri Templari u kienu jilbsu l-abjad b'salib aħmar. Dawn il-kavallieri kienu spiss jiġġieldu lill-Musulmani.



Minħabba nuqqas ta' membri f'dawn l-Ordnijiet biex jipproteġu l-Art Imqaddsa b'mod adegwat, huma ħtiġilhom jibnu kastelli kbar tal-ġebel f'postijiet importanti. Wieħed minn dawn inbena mill-Kavallieri Ospidalieri fis-seklu tnax biex jipproteġi l-uniku passaġġ mit-territorju Kristjan sa Tripoli u l-kosta. Dan il-kastell tant kien f'pożizzjoni strateġika u mibni b'saħħtu li rnexxielu jiflaħ għal mill-inqas tnax-il assedju. Għal seklu u nofs dan il-kastell kien "għadma mwaħħla fi griżmejn is-Seraċini" – skond wieħed kittieb Musulman.

Fl-1144 il-belt ta' Edessa fiċ-ċentru tat-territorju nisrani waqgħet f'idejn il-Musulmani. Għalhekk id-Duttur tal-Knisja, San Bernard ta' Clairvaux, ġie mqabbad mill-Papa Ewġenju III biex jipprietka ma' Franza kollha ħalli tibda kruċjata oħra. Huwa mar ukoll il-Ġermanja u kiteb lill-prinċpijiet fil-punent u fiċ-ċentru ta' l-Ewropa. U b'hekk bdiet it-tieni kruċjata mmexxija mir-re Lwiġi VII ta' Franza u l-Imperatur Konrad III tal-Ġermanja. Iżda din il-kruċjata mhux talli ma rnexxietx talli lanqas biss waslet sa l-Art Imqaddsa.

Tletin sena wara, Saladin, is-sultan ta' l-Eġittu u s-Sirja, beda gwerra sħiħa kontra l-Kristjani. Malajr ħa f'idejh Akri, Jaffa, Bejrut u Ascalon u fl-aħħarnett Ġerusalemm li kienet mimlija refuġjati nsara iżda bi ftit suldati. Saladin kien pront ħallihom imorru f'territorju Kristjan mingħajr inkwiet ta' xejn. Anke l-isptar ta' San Ġwann ħallieh miftuħ għal sena sħiħa ħalli l-morda jkollhom żmien biżżejjed biex ifiequ. Is-salib ġie mniżżel mill-knisja tas-Santu Sepulkru u mkaxkar għal jumejn sħaħ fil-ħmieġ tat-toroq tal-belt filwaqt li l-qniepen tal-knejjes ġew imdewba. Il-belt ta' Tir biss kienet baqgħet f'idejn l-insara

# Il-Waqa' ta' Ġerusalemm

Bl-aħbar tal-waqa' tal-belt qaddisa l-Papa Urbanus III miet b'qalbu maqsuma. Is-suċċessur tiegħu,

il-Papa Gregorju VIII, ipproklama kruċjata ġdida lejn l-ilvant filwaqt li nsista li dawk li jieħdu sehem jagħmlu penitenza għax kien jemmen li l-waqa' ta' Ġerusalemm kien bħala kastig minn Alla għad-dnubiet ta' l-insara. Għalkemm ta' 77 sena huwa mar Pisa personalment biex ivara l-bastimenti għat-tluq lejn il-Palestina. Hemmhekk huwa ħassu ħażin u miet xahrejn biss wara li kien laħaq Papa. L-Imperatur Frederik Barbarossa tal-Ġermanja kien l-ewwel wieħed li telaq b'armata kbira u ma damx ma ħa Antijokja. Ir-re Filippu ta' Franza u Rikardu ta' l-Ingilterra wkoll daħlu f'din il-kruċjata u ħadu Akri taħt idejhom. Iżda kellhom xi jgħidu bejniethom u waqt li Filippu telaq lura lejn pajjiżu, Rikardu kien deċiż li jkompli l-kruċjata. Irnexxielu jerbaħ lil Saladin f'Arnif u akkwista t-titlu ta' Qalb ta' Ljun. Ħa wkoll Jaffa u Escalon u kien biss għaxar mili 'l bogħod minn Ġerusalemm meta sab li ma kellux nies biżżejjed biex jieħu l-belt.

Għalkemm għedewwa, Rikardu u Saladin kienu jammiraw il-ħila ta' xulxin u żviluppat bħal ħbiberija bejniethom. Sa anke bagħtu rigali lil xulxin u meta ż-żiemel ta' Rikardu ġie maqtul fi ġlieda minnhom, Saladin bagħtlu żiemel ieħor. Iltaqgħu flimkien u kienu lesti li jaqsmu l-Art Imqaddsa bejniethom. Għamlu patt bejniethom li għal tliet snin l-insara jżommu l-kosta bejn Ascalon u Akri u jkunu jistgħu jidħlu jżuru l-Art Imqaddsa mbasta mhux armati. Iżda wara ftit, Rikardu ħtieġlu jmur lura lejn l-Ingilterra u hekk spiċċat it-tielet kruċjata u Ġerusalemm baqgħet f'idejn il-Musulmani.



Il-Papa Innoċens III xtaq jibda r-raba' kruċjata u awtorizza lill-Franċiżi biex imexxuha huma. Fl-1202, Boniface, il-markiż ta' Montferrat, ġabar armata f'Venezja iżda minflok salpaw lejn il-Palestina, baqgħu sejrin Kostantinopli li f'sentejn rebħuha wara li neħħew lill-Imperatur Biżantin mis-setgħa. Il-Papa ħadha ħafna bi kbira għax ma xtaqx jara firda bejn il-knejjes tal-lvant u tal-punent. Madankollu, l-armata tal-kruċjata qatt ma rnexxielha tersaq qrib Ġerusalemm.

Il-Papiet, il-prinċpijiet u d-dinja Kristjana kienu ferm inkwetati li l-Art Imqaddsa baqgħet f'idejn il-pagani. Kien il-Papa Honorius III li ddeċieda li jara kif jagħmel u jeħlisha darba għal dejjem. Fl-1217 huwa ipperswada lir-re ta' l-Ungerija u lid-duka ta' l-Awstrija biex jgħaqqdu armata u jerħulha lejn l-Eġittu. 300 bastiment Ġermaniż wasslu l-armata sa Akri. Damietta waqgħet taħt idejhom iżda huma wkoll ma rnexxilhomx jaslu sal-belt ta' Ġerusalemm.

Is-sitt kruċjata mexxieha l-imperatur Frederiku II mingħajr il-barka ta' l-ebda Papa. Jekk irnexxielu jieħu l-belt qaddisa f'idejh fl-1229 dan ma kienx bħala kavallier tas-salib iżda bi ftehim li sar mal-mexxejja Musulmana ta' l-Eġittu. Minbarra Ġerusalemm huwa ħa wkoll Jaffa, Betlehem u Nazaret u għamel lilu nnifsu re tal-belt qaddisa. Iżda ma sab l-ebda mexxej reliġjuż u l-ebda qassis biex iqiegħdlu l-kuruna fuq rasu fil-knisja tas-Santu Sepulkru għax kien miġġieled mal-kap tal-Knisja. Meta mar Akri biex jirkeb il-bastiment lejn l-Ewropa, in-nies tal-belt ħarġu fit-toroq biex jissuttawh bil-ħmieġ.

Ġerusalemm ma kelliex iddum wisq f'idejn l-insara. Is-sultan ta' l-Eġittu fl-1244 għamel ftehim mat-Torok u ħadha taħt idejh. San Lwiġi IX ta' Franza kien marid wisq meta sema' bil-waqa' ta' Ġerusalemm iżda għamel wegħda li jekk ifieq imur hu stess bi kruċjata oħra. F'Awwissu ta'

l-1248 kellu kollox lest biex jitlaq bl-armata. Waslu l-Eġittu, ħadu Damietta u bdew resqin lejn il-Kajr. F'qasir żmien sabu ruħhom imdawrin bl-għadu ħdejn ix-xmara Nil u kellhom iċedu. Ħafna min-nobbli, fosthom ħut ir-re, marru lura Franza wara li ħallsu 800,000 biċċa tad-deheb bħala fidwa. Iżda r-re Franċiż baqa' f'Akri għal erba' snin sħaħ flimkien ma' armata żgħira. Għamel minn kollox biex il-priġunieri nsara jiġu trattati tajjeb fl-Eġittu u biex jerġa' jipprova jattakka Ġerusalemm. Ra kif jagħmel biex jiġbor armata ikbar mill-Ewropa iżda mhux talli ma rnexxilux talli rċieva l-aħbar tal-mewt ta' ommu, ir-reġina Blanche, u kellu jmur lura lejn pajjiżu.

Wara l-fjask tat-tmien kruċjata, is-sultan Baibars dar għall-proprjeta` ta' l-Ordnijiet militari. Il-Kavallieri Templari talbu lil Karlu ta' Anjou biex jintervjeni fl-Art Imqaddsa. Fl-1271 il-Kavallieri Ospidalieri ġew assedjati u l-Musulmani issa kellhom f'idejhom in-naħa tal-lvant li għal iktar minn elf sena kienet ta' l-insara, il-benniena tar-reliġjon ta' Kristu. It-Templari spiċċaw għal kollox bħala Ordni ħtija tar-re Filippu IV ta' Franza li ried jaħtaf taħt idejh il-proprjeta` tagħha kif ukoll biex ikollu qawwa assoluta fil-pajjiż. Iżda l-Ospidalieri komplew ikunu difiża kontra l-avvanz tat-Torok fil-Mediterran, l-ewwel fil-gżira ta' Rodi mbagħad fil-gżejjer Maltin.

# L-ORDNI TA' SAN LAZZRU




## Il-Bidu

Bħala waħda mill-Ordnijiet l-iktar antiki, il-bidu ta' l-istorja ta' l-Ordni ta' San Lazzru għandu l-bażi tiegħu skond tradizzjoni antika. Jekk nimxu fuq din it-tradizzjoni nsibu li l-Ordni bdiet fi sptar li kien għad-dispożizzjoni ta' dawk li kellhom il-marda tal-ġdiem – marda komuni ħafna f'dawk iż-żminijiet li kulħadd kien jibża' minnha bħala marda kerha u għax kienu jemmnu li malajr tittieħed u tixtered. Kienet marda li minn żminijiet bibliċi kienet meqjusa bħala kastig minn Alla għad-dnubiet tal-bniedem. Dan l-isptar kien inbena barra l-ħitan ta' Ġerusalemm mill-qassis il-kbir Ġwann Hircam Maccabeus li kien imexxi lill-poplu Lhudi bejn is-snin 135 u 105 Qabel Kristu.

Id-duka ta' Normandija, li wara sar ir-re ta' Franza bl-isem ta' Ġwanni II jew aħjar Jean le Bon, kien ħareġ brevet jew dritt uffiċjali fl-1343 li qabel mat-tradizzjoni li l-Ordni ta' San Lazzru kienet ġiet imwaqqfa fis-sena 72 Wara Kristu. Ċertament li ħafna storiċi jaqblu ma' dak li qal il-Papa Piju IV fil-Bolla tiegħu *Inter Assiduas* li l-Ordni kienet teżisti fis-sena 369 WK fi żmien il-Papa San Damasus I meta San Basilju l-Kbir kien Arċisqof ta' Ċesarea. Dan l-arċisqof qaddis huwa meqjus bħala l-fundatur leġġendarju ta' l-Ordni għax kien hu li waqqaf sptar kbir qrib Ċesarea għal dawk morda bil-ġdiem.

Għalkemm hemm min isostni li l-bidu ta' l-Ordni ma kienx qabel is-seklu 7, li hu żgur hu li

l-Ospidalieri ta' San Lazzru, li twaqqfu f'Akri u f'Kostantinopli fis-seklu 5, fetħu l-ewwel sptar prinċipali tagħhom f'Ġerusalemm fis-sena 530 WK. Hawn huma kienu jieħdu ħsieb il-pellegrini li jmorru fil-postijiet imqaddsa u jipproteġuhom mill-għedewwa tar-reliġjon. Iżda l-ikbar xogħol tagħhom kien li jtejbu l-qagħda ta' dawk li kienu morda bil-ġdiem. Il-leprosarium jew id-dar Lazar, li aħna f'Malta addottajna bl-isem ta' l-Lazzarett, dejjem kien sptar ta' isolament. F'dan il-każ kien barra l-ħitan tal-belt ħdejn ir-rixtellu ta' San Ladre jew San Lazzru. Dan kien maħsub bħala l-post fejn kien l-isptar antik tal-qassis il-kbir Ġwann Maccabeus.

Fl-ewwel kruċjata kien hemm l-isptar f'Ġerusalemm li iktar tard sar magħruf bħala l-isptar tal-kavallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Meta l-belt qaddisa waqgħet f'idejn il-kruċjati fl-1098, il-kavallieri ta' din l-Ordni, tat-Tempju u dawk tas-Santu Sepulkru li kellhom il-marda tal-ġdiem kif ukoll oħrajn bl-istess marda ġew fdati f'idejn l-Ospidalieri ta' San Lazzru. Minħabba li din il-marda kienet tieħu fit-tul biex tfieq u minħabba li l-isptarijiet kienu jeħtieġu protezzjoni mill-pagani kif ukoll mill-briganti u l-pirati, l-Ordni ta' San Lazzru kellha tinbidel f'waħda ta' kavallieri tal-milizzja kif ukoll ta' ospidalieri. Dan kien il-bidu ta' l-Ordni kif nafuha llum.

# Żmien Medjevali – Il-Lvant Nofsani



Meta fl-1120 miet Ġerardu Tonque, il-bniedem responsabbli ta' l-isptar, dik is-sezzjoni ta' l-isptar li kellha x'taqsam mal-mard tal-ġilda u li kienet taħt Roger Boyant isseparat mill-kumplament u saret l-Ordni ta' San Lazzru b'Roger bħala l-mexxej tagħha. Din l-Ordni kienet f'assoċjazzjoni sħiħa ma' l-Ordni ta' San Ġwann u baqgħu jżommu din l-assoċjazzjoni għal żmien twil fl-istorja.

L-Ordni ta' San Lazzru kienet rispettata mir-rejiet insara ta' Ġerusalemm u minn dawk kollha li kienu jafu bix-xogħol tagħha ta' karita` u ta' protezzjoni. Baldwin IV, ir-re tal-belt imqaddsa li kien marid bil-ġdiem, kien juri ġenerożita` kbira ma' l-Ordni u l-istess kienu jagħmlu l-irġiel u nisa oħra ta' ċerta pożizzjoni li kienu joffrulha rigali ta' artijiet. Tant kien kbir l-isem tajjeb tal-kavallieri f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol militari tagħhom li ġew fdati bid-difiża tal-kastelli Kharbet-el-Zeitha u Madjel-el-Djemeriah. Iżda kull meta kien ikun hemm ġlied bejn l-insara u l-pagani, il-kavallieri ta' l-Ordni dejjem żammew ma' dawk tas-salib. Qatt ma beżgħu jiddefendu l-fidi anke sal-mewt.

Tant kellha isem tajjeb l-Ordni bix-xogħol tagħha tal-karita` nisranija li wara li Ġerusalemm waqgħet f'idejn il-Musulmani fl-1187, Saladin il-Kbir ħa l-isptar ta' l-Ordni taħt il-protezzjoni personali tiegħu u minn dak iż-żmien 'l hawn il-lewn aħdar baqa' jintuża mill-Ordni sal-lum. Minkejja l-persekuzzjoni li għamel lill-insara, Saladin ġieli wera ċerta mogħdrija. Waħda minnhom kienet li ħalla lill-fqar ta' Ġerusalemm li ma setgħux iħallsu rahan biex jitilqu mill-belt mill-Bieb ta' San Ladre u jsibu kenn fl-isptar ta' l-Ordni.

Meta Saladin għamel paċi mal-kruċjati fl-1191, l-Ordni ġiet imwaqqfa fil-belt ta' San Ġwann ta' Akri li qabel kienet magħrufa bħala Ptolomais. B'hekk l-Ordni akkwistat id-drittijiet fuq parti mill-belt barra l-ħitan tagħha. Il-membri ta' l-Ordni ma damux ma bnew fortizza-sptar u knisja li ħadet l-isem ta' l-Eglise de San Lazare des Chevaliers – il-knisja ta' San Lazzru tal-Kavallieri. Huma ngħataw it-torri San Lazarus u l-knisja ta' San Lawrenz ħdejn Ċesarea. Il-Papa u s-slaten insara kienu jagħrfu lill-Ordni ta' San Lazzru bħala qawwa sovrana kif ukoll lil tlitt Ordnijiet prinċipali tal-galanterija.

Ma damx ma reġa' nqala' l-ġlied bejn l-insara u l-musulmani u ħafna mill-kavallieri ta' l-Ordni ġew maqtula fil-battalja ta' Gaza fl-1244. Dawk li baqgħu ħajjin mill-kavallieri marru mal-kruċjati għalkemm bi ftit tama li jerbħu. Huma ħadu sehem flimkien mal-Granmastru Raymond de Flory fil-kruċjata tar-re San Lwiġi ta' Franza fl-Eġittu kif ukoll fis-Sirja bejn l-1250 u l-1254. Meta San Ġwann ta' Akri waqgħet f'idejn il-Mawmettani fl-1291, jingħad li fost il-mejtin kien hemm il-Patrijarka ta' Ġerusalemm, il-Granmastru tal-kavallieri ta' San Lazzru u l-Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann. B'hekk spiċċat l-eżistenza tal-kruċjati kif ukoll ta' l-Ordni ta' San Lazzru fil-Palestina. L-Ordni tilfet ukoll is-sovranita` tagħha iżda l-influwenza internazzjonali li kellha baqgħet dejjem aċċettata.

## Żmien Medjevali – L-Ewropa



Issa li tilfet kull ma kellha fl-Art Imqaddsa, l-Ordni kellha ddur għal dak li kien baqagħlha fl-Ewropa. Kellha proprjeta` fi Franza, fl-Ingilterra, fl-Iskozja u fl-Isvizzera li kienet tikkonsisti fi sptarijiet u djar. L-iktar żewġ postijiet magħrufa u importanti kienu dawk f'Boigny mogħtija lill-Ordni mir-re Lwiġi VII ta' Franza fejn issa ħa postu l-Granmastru ta' l-Ordni. Fil-pajjiżi tat-tramuntana hawnhekk ġie aċċettat bħala l-katedra ta' l-Ordni minbarra mill-parti Ingliża ta' l-Ordni li minn żmiern għal żmien iddikjaraw l-indipendenza tagħhom.

Fil-15 ta' Frar 1459 il-Papa Piju II, li ħadem bla heda biex jorganizza kruċjata kontra l-influwenza tat-Torok f'Kostantinopli, wera x-xewqa li l-Ordni ssir ħaġa waħda ma' dawk tas-Santu Sepulkru u ta' l-Ispirtu s-Santu fis-Sassonja bl-isem ta' l-Ordni ta' Sidtna Marija ta' Betlehem. L-Ordni ta' San Lazzru ma setgħetx taċċetta ħaġa bħal din. Fit-28 ta' Marzu 1489 l-Papa Innocens XIII ukoll ipprova jgħaqqad numru ta' Ordnijiet fosthom l-Ordni ta' San Lazzru u dik tas-Santu Sepulkru ma' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm magħrufa aħjar bħala l-Ordni ta' Malta. Iżda dawn id-direttivi u x-xewqat tal-Papiet ma setgħux jiġu nfurzati minħabba t-tradizzjoni ta' sovranita` ta' dawn l-Ordnijiet.

Ir-riżultat ta' dan kollu kien li l-Ordni ta' San Lazzru nqasmet fi tnejn – dik taħt id-dipendenza ta' Boigny u l-oħra taħt l-awtorita` tal-pirjol ta' Capua. Il-monasteru (*priory*) ta' Capua kien ġie ffurmat fis-sena 1211 u l-Papa Leo X tah privileġġi straordinarji. Fil-bidu tas-seklu 14 il-Papa kien għaraf lill-pirjol ta' Capua fi Sqallija bħala l-Granmastru u b'hekk kienet inħolqot xiżma fl-Ordni.

Iżda fl-1517 minħabba l-appoġġ ta' Karlu I ta' Spanja, li 'l quddiem kellu jkun l-Imperatur Karlu V, it-titlu ta' Capri reġa' ngħata lura. Dawn l-attentati ta' għaqda bejn l-Ordnijiet kienu saru l-iktar kontra l-parti tat-tramuntana ta' l-Ordni li kienet ċentralizzata f'Boigny għax fl-1436 it-titlu ta' Granmastru ta' Capua ingħata lir-re ta' Sqallija. Mill-1517 'il quddiem il-mexxejja ta' din il-parti ta' l-Ordni bdew isejħu lilhom infushom "Granmastru ta' l-Ordni fir-renju ta' Sqallija u bnadi oħra".

Fl-1572 il-Papa Gregorju XIII għaqqadha flimkien mad-dar ta' Savoja. Din il-Bolla ħalliet barra l-parti Spanjola ta' l-Ordni li baqgħet taħt il-kontroll tar-renju Spanjol. Deher illi r-re ta' Franza ma tantx oġġezzjona għal din il-Bolla tal-Papa, sakemm l-Ordni ta' Malta għamlitlu pressjoni biex jirreżisti l-awtorita` tal-Vatikan. L-Ordni ta' Malta kienet ħaditha bi kbira li l-Papa ħadilha l-monasteru (*priory*) importanti u sinjur li kellha fi Franza. Ir-riżultat kien li l-kavallieri ta' l-Ordni ta' Franza, li b'mod stramb kienu wkoll kavallieri ta' Malta, fil-kapitlu tad-19 ta' Mejju 1578 ċaħdu d-digriet tal-Papa għax qalu li l-Papiet f'iktar minn okkażjoni waħda kienu għarfu l-indipendenza tagħhom bħala l-Ordni sovrana ta' l-antik ta' l-Art Imqaddsa.

Id-duka ta' Savoja, Filibert III, kien pront għaqqad il-monasteru ta' Capua ma' l-Ordni ġdida ta' San Maurice ta' Savoja u b'hekk it-titlu Granmastru ta' l-Ordni ta' San Maurice u San Lazzru beda jintiret fil-familja dukali ta' Savoja u l-familja rjali ta' l-Italja. Din l-Ordni bdiet tingħata mir-re Taljan lill-pajżana u dawk militari mingħajr l-ebda restrizzjoni ta' twelid nobbli.

# L-Ordni u Franza



Sadattant fi Franza l-Ordni tilfet l-indipendenza tagħha meta fl-1547 il-parlament ta' Pariġi ddikjara li l-Granmastru ta' l-Ordni ta' San Lazzru kien inferjuri għall-Ordni ta' San Ġwann. Fl-istess waqt ipproklama li l-Ordni ta' San Lazzru kienet l-ikbar ġurisdizzjoni (*bailiwick*) fl-Ordni ta' San Ġwann f'dak il-pajjiż. Din l-għaqda bejn dawn iż-żewġ Ordnijiet ma setgħetx tafettwa l-Ordni f'pajjiżi oħra għax dan kien att tal-parlament Franċiż. B'hekk inħolqot firda fl-Ordni f'ħafna postijiet: l-Ordni f'Capua, l-Ordni fi Franza li issa kienet tagħmel sehem mill-Ordni ta' Malta, l-Ordni fi Spanja u oħrajn.

Wara dan, il-Papa Leone X fl-1565 ħatar lil Giannoto Castiglione bħala Granmastru ta' l-Ordni f'Capua, għalkemm din kienet reġgħet ngħatat l-indipendenza tagħha fl-1517 bid-dritt li r-rejjiet ta' Spanja jaħtru l-Granmastru huma. Castiglione rriżenja minn duka ta' Savoja u din ġiet ikkonfermata mill-Vatikan fl-1572. B'riżultat ta' dan, il-Fjorentin Francois Salviati, kmandant ta' Boigny u Granmastru ta' l-Ordni, qatagħha li l-fatt li l-Papa Gregorju XIII ċeda l-monasteru ta' Capua u l-Ordni fl-Italja lil Savoja m'affettwa bl-ebda mod il-kmand u l-Ordni f'Boigny. Din id-deċiżjoni ġiet aċċettata mir-re ta' Franza Neriku IV fis-7 ta' Settembru 1604 meta ddikjara lilu nnifsu s-sovran suprem ta' l-Ordni. Ir-re ma rnexxilux jakkwista mingħand il-Papa l-privileġġi antiki ta' l-Ordni iżda biss id-dritt li jwaqqaf Ordni ġdida, dik tal-Madonna tal-Karmnu. Huwa

għaqqad din l-Ordni ġdida ma' l-Ordni ta' San Lazzru billi ħatar il-Granmastru ta' l-Ordni l-antika bħala Granmastru ta' dik tal-Karmnu.

Iż-żewġ Ordnijiet baqgħu indipendenti u separati mingħajr ma tilfu l-identita` sovrana tagħhom. L-Ordni tal-Karmnu ma baqgħetx teżisti wara l-1787 u b'hekk l-Ordni ta' San Lazzru reġgħet sabet ruħha kif kienet oriġinarjament. Hija baqgħet għaddejja 'l quddiem fix-xogħol u l-attivitajiet tagħha ospidalieri u militari sa ma faqqgħet ir-rivoluzzjoni Franċiża. L-isptarijiet għall-morda bil-ġdiem baqgħu jinferrxu filwaqt li l-flotta navali kompliet bl-attivitajiet tagħha fil-Mediterran. Filwaqt li baqgħet protetta uffiċjalment mir-rejiet ta' Franza, il-membri tagħha kienu jiġu mill-familji aristokratiċi ta' l-Ewropa.

Mar-rivoluzzjoni Franċiża l-istorja tbiddlet għal kollox. Digriet tat-30 ta' Lulju 1791 ordna li l-Ordnijiet kollha kemm irjali kif ukoll tal-kavallieri jiġu mrażżna. F'Marzu tas-sena ta' wara digriet ieħor ikkonfiska l-proprjeta` tagħhom kollha. L-Ordni ta' San Lazzru ġiet salvata biss bil-ħarba tal-Granmastru, il-konti ta' Provence. Huwa kompla jaqdi dmiru minn barra l-pajjiż. Kien f'dawn iż-żminijiet li l-Imperatur Pawlu I tar-Russja u l-membri tal-familja tiegħu ġew aċċettati fl-Ordni. L-istess ir-re ta' l-Isvezja u b'hekk inħoloq il-kmand ereditarju ta' Gothland.

Bil-waqa' ta' l-imperu Franċiż il-konti ta' Provence sar ir-re ta' Franza bl-isem ta' Lwiġi XVIII. Biex tinżamm it-tradizzjoni u l-indipendenza ta' l-Ordni tiġi assigurata, huwa kellu jirriżenja minn Granmastru. Ġie elett minfloku d-duka ta' Chatre, ministru ta' l-istat tar-re ta' Franza. Huwa ħa ħsieb li jerġa' jorganizza l-Ordni u minħabba f'hekk huwa kkunsidrat bħala missier l-Ordni moderna.

Bħala riżultat tar-rivoluzzjoni Franċiża, l-Ordni tilfet kull protezzjoni li kellha tal-gvern Franċiż. Biex jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-missjoni storika tagħha, il-kavallieri dawru l-attivitajiet tagħhom lejn il-lvant nofsani u qiegħdu lilhom infushom taħt il-protezzjoni spiritwali tal-Patrijarka Grieg Melkita ta' Antijokja, Alexandrja u Ġerusalemm. Din il-protezzjoni spiritwali waslet sa l-1930 meta l-Ordni reġgħet akkwistat l-indipendenza tagħha.

# L-Era Moderna



L-uffiċjali ta' l-Ordni talbu lil Don Francisco de Borbon y de La Torre, id-duka ta' Seville, biex jieħu f'idejh it-tmexxija ta' l-Ordni. Id-duka li huwa fil-linja tar-rejiet ta' Spanja u li fil-gwerra ċivili ta' pajjiżu ddistingwa ruħu bħala l-eroj ta' Malaga, aċċetta u sar l-44 Granmastru ta' l-Ordni ta' San Lazzru. B'hekk issa l-Granmastru kien residenti f'Madrid waqt li l-amministrazzjoni ta' l-Ordni kienet immexxija minn Pariġi.

Tmien snin wara d-Duka ta' Seville miet u minfloku laħaq ibnu l-Prinċep Francisco de Borbon y de Borbon l-ewwel bħala kuġitur u Lieutenant General ta' l-Ordni u mbagħad fl-1960 bħala l-45

Granmastru. Sfortunatament fl-1967 qamet tensjoni bejn il-Granmastru f'Madrid u l-amministrazzjoni f'Parigi. Dawn ta' l-aħħar akkużaw lil-Granmastru li ma kienx qed juri interess fi dmirijietu u sejħu kapitlu ġenerali biex ineħħuh mill-kariga tiegħu. Minħabba li kien uffiċjal militari fl-armata Spanjola, il-Granmastru ma setax jiddedika ruħu fl-Ordni daqs kemm xtaq. Il-kapitlu ġenerali ħatar lid-Duka ta' Seville bħala Granmastru Emeritus u l-Prinċep Charles Philippe d'Orleans, Duka ta' Nemours, bħala s-46 Granmastru ta' l-Ordni.

F'dawn iż-żminijiet sar żvilupp importanti fl-istorja ta' l-Ordni. Fl-1961 Lt. Col. Robert Gayre of Gayre and Nigg, il-baruni ta' Lochoreshyre, ġie mistieden biex ikabbar l-Ordni fil-pajjiżi li jitkellmu bl-Ingliż. Bħala riżultat tal-ħatra tiegħu bħala kummissarju ġenerali fil-grad ta' Knight Grand Cross of Justice ġew imwaqqfa l-Priories ta' l-Ingilterra, l-Iskozja, l-Irlanda u l-Kanada kif ukoll il-Komanderija ta' Lochore u numru ta' ġurisdizzjonijiet fi New Zealand, l-Afrika ta' Isfel u f'partijiet oħra tal-Commonwealth. Ġew imwaqqfa wkoll delegazzjonijiet fl-Awstralja u r-Rodesja u f'Oxford twaqqaf kumitat ta' studju dwar il-ġdiem. Inbeda xogħol ukoll fl-Etijopja, it-Tanżanija, l-Indja u t-Tajlandja kif ukoll fi Skandinavja. Bl-espansjoni kbira li kien hemm ukoll fl-Istati Uniti l-ġurisdizzjonijiet b'maġġoranza ta' denominazzjoni Protestanta żdiedu ħafna. Għalhekk il-Granmastru l-ġdid ħareġ digriet biex issir ir-riforma fl-Ordni skond il-moviment ekumeniku mibdi mill-Papa Ġwann XXIII u l-Konċilju Vatikan II. Id-differenzi bejn il-kavallieri ġew imneħħ ija u l-Ordni ta' San Lazzru bdiet tilqa' kull membru li kien nisrani iżda li mhux bilfors Kattoliku.

Id-Duka ta' Nemours inxteħet b'ruħu u ġismu fix-xogħol il-ġdid tiegħu iżda reġgħu nħolqu l-istess tensjonijiet li kien hemm bejn il-Granmastru ta' qablu u l-amministrazzjoni f'Parigi. Dawn ta' l-aħħar riedu li d-drittijiet fundamentali ta' l-awtorita` u l-karigi jiġu f'idejhom u ma jibqgħux ir-responsabiltajiet tal-Granmastru u l-kavallieri ta' l-Ordni. L-istatut ta' Madrid fl-1948 kien għamilha ċara li l-Granmastru hu l-mexxej suprem ta' l-Ordni u hu biss għandu l-awtorita` li jbiddel l-istatuti u r-regoli ta' l-Ordni. L-amministrazzjoni f'Parigi sejħu kapitlu ġenerali biex ineħħu l-Granmastru u dan mingħajr l-awtorita` u l-preżenza tal-Granmastru stess. Minfloku huma ħatru lid-Duka ta' Brissac u b'hekk ħolqu xiżma fl-Ordni. Iżda din il-mossa ma ġietx aċċettata mill-Komanderiji u l-Priories importanti li baqgħu jqisu lid-Duka ta' Nemours bħala l-Granmastru. Id-Duka ma kienx lest joqgħod għal dan l-istat ta' fatt u ħa spinta biex ikompli bir-riforma ta' l-Ordni. Huwa ħatar lill-Prinċep Michael ta' Franza bħala l-kuġitur tiegħu, lill-Prinċep Francisco de Borbon y de Borbon bħala l-Granmastru Emeritus u lill-Lt. Col. Robert Gayre of Gayre and Nigg bħala l-Grand Referendary. B'hekk l-Ordni ġiet leġitimizzata b'mod assolut u s-suċċessjoni reġgħet ġiet żgurata kif intirtet mill-assoċjazzjoni li l-Ordni kellha mal-familji rjali ta' Franza u ta' Spanja. B'hekk ukoll l-Ordni reġgħet akkwistat għal kollox il-karattru internazzjonali li kellha. Ma setgħetx tiġi meqjusa bħala Ordni Franċiża kif kienet għal xi żmien taħt ir-rejiet ta' Franza meta kellha anke skwadra navali li minflok iġġieldet lill-pagani bħal ma kienu jagħmlu x-xwieni ta' l-Ordni ta' Malta, kienet tintuża kontra l-Ingliżi fil-Kanal Ingliż.

Il-Granmastru miet f'daqqa fl-10 ta' Marzu 1970 u minfloku ġie elett il-Prinċep Francisco de Borbon y de Borbon bħala s-47 Granmastru fit-22 ta' Marzu 1973. Sadattant beda jinħass il-bżonn li ssir xi forma ta' għaqda jew ftehim bejn iż-żewġ branki ta' l-Ordni. Għal dan il-għan kien hemm diskussjonijiet u negozjati bejn iż-żewġ naħat li wasslu għall-Protokol ta' Ftehim li ġie ffirmat fl-1979. Ġie deċiż li jibqgħu jaħdmu flimkien għall-għaqda iżda li kull naħa żżomm l-istruttura u l-identita` tagħha. Il-branka taħt Don Francisco saret magħrufa bħala l-"Ubbidjenza Malta" u dik taħt id-Duka ta' Brissac bħala l-"Ubbidjenza Parigi". Fl-1986 l-ewwel Ubbidjenza sejħet laqgħa f'Oxford, l-Ingilterra, biex issir xi forma ta' għaqda bejn iż-żewġ branki, iżda l-ġurisdizzjoni

Amerikana fixklet kull ftehim li kien hemm il-ħsieb li jsir.

Il-Granmastru Don Francisco Enrique de Borbon y Borbon ddeċieda li bħala Ordni internazzjonali m'għandhiex ikollha l-kwartieri ġenerali tagħha f'xi belt kbira fl-Ewropa. Għalhekk Malta ġiet magħżula bħala l-post ideali għal dan. Huwa waqqaf il-Grand Chancery f'pajjiżna u t-Torri ta' Lanzun f'San Ġwann ġie nawgurat bħala l-kwartier ġenerali ta' l-Ordni fit-12 ta' Mejju 1973. Sadattant, il-Granmastru miet fl-1995 u minfloku laħaq ibnu Don Francisco de Borbon y de Escasany, Duka ta' Seville, bħala t-48 Granmastru ta' l-Ordni.

# Xogħol Umanitarju

The Military & Hospitaller Order of St. Lazarus of Jerusalem

Din l-Ordni, li llum għandha ma' l-4,500 membru mxerrda f'ħafna partijiet tad-dinja, issa hija magħrufa sew bħala organizazzjoni karitattiva u filantropika. Il-funzjoni tagħha f'dawn iż-żminijiet hija li twettaq xogħol ta' karita` u li tgħin f'solidarjeta` kbira ma' dawk li għandhom l-aktar bżonn. L-Ordni tiddedika ruħha b'mod speċjali għall-ħtiġijiet tal-lebbrużi skond l-oriġni tagħha fl-Art Imqaddsa meta mxiet fuq il-passi ta' Ġesu`. F'dawn l-aħħar snin, l-espansjoni ta' l-Ordni u l-attivitajiet umanitarji li tagħmel ħadu direzzjoni ġdida. Minbarra l-missjoni tradizzjonali ta' l-Ordni fil-qasam tal-lebbra (mard tal-ġdim), issa żdiedet ukoll l-għajnuna lil persuni b'diżabilta` u lill-anzjani u l-fqar kif ukoll lil dawk li jgħaddu minn xi diżastru jew disgrazzja. Għalhekk permezz ta' l-attivitajiet ta' karita` u ta' filantropija, kif ukoll fl-oqsma tas-saħħa u ta' l-edukazzjoni, l-Ordni tagħti l-kontribut tagħha skond l-għanjiet u l-prinċipji tad-Dokument tal-Ġnus Magħquda u ta' l-Istatut tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fi New Zealand l-Ordni hi nvoluta fi programmi kontra l-lebbra f'naħat tal-Paċifiku billi toffri l-mediċina li jkun hemm bżonn. Barra minn dan, l-Ordni xtrat l-art u bniet postijiet għall-anzjani. Il-Grand Priory tal-Fillandja u l-Isvezja għandha għaqda speċjali ta' voluntiera li tieħu ħsieb id-drogati u għandha missjoni reliġjuża u medika f'Mugaea fil-Kenja. Il-Grand Priory ta' l-Alsace tħaddem u tgħin numru ta' spiżeriji fil-Cameroon, kif ukoll post għal-lebbrużi. Il-Priory ta' l-Ungerija tgħin sptar tal-missjoni u skola għal tfal b'diżabilta` f'Taiwan. Fost proġetti oħra li għandha f'idejha l-Ordni ta' min isemmi wkoll tal-Ġermanja u Lussemburgu li fil-bidu tat-tminijiet bdew jorganizzaw trasport ta' ikel u mediċini kull ġimgħa lejn il-Polonja bit-trakkijiet ta' l-Ordni. Dan l-aħħar, waqt il-ġlied fil-Balkani, dawn it-trakkijiet dehru jqassmu bżonnijiet neċessarji lir-refuġjati.

Membri ta' l-Ordni f'pajjiżi differenti qed jagħtu għajnuna lil persuni b'diżabilta` fit-Turkija, il-Portugal, il-Marokk, Spanja, l-Istati Uniti u Ċipru. Għajnuna finanzjarja qed tingħata lil Croatia, liċ-Ċekoslavakkja u lil skola sekondarja f'Haiti. Twaqqfet il-Fondazzjoni St Lazarus għal tfal morda fl-Ingilterra u oħra fil-Ġermanja għal tfal orfni u persuni b'diżabilta` li jgħixu waħedhom.

Fil-Ġermanja wkoll qed tingħata għajnuna finanzjarja lis-soċjeta` li tieħu ħsieb lil dawk li jbatu bl-isklerożi multipla waqt li persuni b'diżabilta` qed jiġu ndukrati fi Frechen u f'Pulheim. Il-Ġermanja tibgħat ukoll mediċini fir-Russja, l-Ungerija u l-Croatia, kif ukoll lil-lebbrużi f'Benin. Qed tintbagħat mediċina fil-Cameroon u f'Burkina Faso.

F'Malta wkoll dejjem ingħatat għajnuna fejn kellhom x'jaqsmu l-lebbrużi li issa kważi spiċċaw għal kollox f'pajjiżna, kif ukoll lid-Dar tal-Providenza, lir-Razzett ta' Ħbiberija u lil Youth Institution f'St Francis Ravelin. Fl-1994 twaqqaf fond biex b'mod regolari jgħin lil-lebbrużi f'pajjiżi differenti, speċjalment fil-Kenja, billi jintbagħat ikel u mediċini lill-pazjenti u lill-familji tagħhom. L-Ordni f'Malta qed tieħu ħsieb ukoll klinika tal-mediċina f'Betlehem.

# Is-Simboli ta' l-Ordni



L-Ordni ta' San Lazzru oriġinarjament kienet Ordni Kattolika iżda fiż-żminijiet moderni bdiet tosserva l-ekumeniżmu pprattikat fil-knisja u tilqa' fi ħdanha membri li huma minn knejjes insara oħra, b'karattru u kwalitajiet personali li jixirqu t-tradizzjonijiet antiki ta' l-Ordni. Bl-eżempju u bl-għajnuna finanzjarja tagħhom, il-membri ta' l-Ordni jridu jżommu ħajjin il-prinċipji nsara billi jgħixu u jmutu skond it-tagħlim ta' Kristu l-Knisja tiegħu.

Is-salib ta' l-Ordni ta' San Lazzru u li jintlibes mill-membri huwa dak bi tmien ponot li hu magħruf bħala s-salib ta' Malta. L-erba' naħat tas-salib jiffiguraw l-erba' virtujiet insara tal-prudenza, temperanza, ġustizzja u fortitudni. It-tmien ponot jiffiguraw it-tmien beatitudnijiet jew dawk il-virtujiet speċjali ta' l-Ordni, jiġifieri trankwilita` spiritwali, ħajja mingħajr malizja, sogħba, paċenzja, imħabba lejn il-ġustizzja, ħniena, sinċerita` u safa` tal-qalb u reżistenza fil-persekuzzjoni.

Għal mijiet ta' snin is-salib ta' Malta kien l-emblema distintiva ta' l-Ordnijiet tal-kavallieri mwaqqfa fl-Art Imqaddsa bħala l-eqdem istituzzjonijiet fid-dinja u li l-missjoni tagħhom kienet li jipprovdu assistenza umanitarja fil-gwerra u l-paċi. Kien Raymond du Puy, l-ewwel Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, li fl-1120 ordna li l-kavallieri kollha jilbsu salib abjad, li aktar tard sar is-salib ta' tmien ponot, fuq in-naħa ta' qalbhom bħala turija ta' mħabbithom. Is-salib tal-kavallieri ta' San Lazzru huwa aħdar biex jiddistingwihom mill-Ordnijiet l-oħra.

Il-motto ta' l-Ordni huwa ***Atavis et Armis***, li oriġinarjament kienet invokazzjoni ta' spirazzjoni mill-antenati nobbli ta' l-Ordni biex jiddefendu r-reliġjon. Illum dan il-motto jieħu tifsira moderna li l-membri għandhom jimitaw lil dawk li ġew qabilhom fl-Ordni biex jitqabdu kontra l-ħażen, il-mard u l-ġuħ.  Teżisti biografija vasta dwar l-Ordni b'mod speċjali f'ħafna mill-pajjiżi ta' l-Ewropa.

# IT-TORRI LANZUN



Jingħad li dan it-torri beda bħala sempliċi razzett fis-seklu ħmistax. Huwa magħruf b'dan l-isem għax ċertu Wenzu Lanzun mill-Birgu, li kien tilef il-familja tiegħu fi żmien il-pesta ta' l-1676, kien ġie jgħix hawnhekk. Fl-1713 inbnew iktar kmamar għall-annimali kif ukoll bitħa mdaqqsa u l-post ġie msaħħaħ u ffortifikat aħjar u sar qisu fortizza żgħira kif inhu llum. Dan l-iktar li sar kien minħabba l-biża' mit-Torok tan-nies li kienu joqogħdu f'dawn in-naħat. Dawn is-sibbien kienu spiss jaħbtu għal Malta billi jitilgħu lejn Tal-Mensija mill-bajja ta' Spinola jisirqu kull ma jgħodd għalihom. Mhux talli kienu jkaxkru magħhom lil kull min isibu, talli kienu jagħmlu vendikazzjoni mill-għelieqi u l-ħsad tar-raba'. Infatti s-santwarju tal-Mensija faċċata tat-torri huwa dedikat lill-Assunta u lil San Leonardu li huwa l-qaddis patrun tal-pirati. F'Malta għandna erba' knejjes li huma dedikati lil San Leonardu.

It-Torri Lanzun għadda minn ħafna jdejn. Jingħad li wieħed mill-Granmastri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kien jagħmel użu minnu meta kien jiġi għall-kaċċa f'dawn in-naħat. Fl-aħħar gwerra dinjija ta' l-1939-1945 serva bħala post ta' osservazzjoni kontra l-ajruplani ta' l-għadu. Minħabba hekk ġie attakkat u sofra ħafna ħsara mill-bombi li ntefgħu fuqu.

Fl-1972 il-post inxtara minn Lt. Col. Robert Gayre of Gayre and Nigg li offrieh lill-Ordni ta' San Lazzru bħala l-kwartier ġenerali ta' l-Ordni u l-uffiċċju tal-Gran Chancery wara li ġie restawrat. Ġie inawgurat formalment mill-Granmastru Don Francisco de Borbon y de Borbon fl-1973 bl-isem ta' *Commandery of Lochore in Malta* b'Chev. Robert Gayre bħala l-ewwel Commander. Fl-1986 dan l-isem tbiddel *f'Commandery of the Castello.* Fis-sena 2001 irtira l-Commander, Major Chev. Stuart Hamilton, u l-Granmastru d-Duka ta' Seville ħa f'idejh it-tmexxija tal-ġurisdizzjoni. Id-Deputy Commander u l-Grand Chancellor fil-preżent huwa Chev. Reginald S Attard.

Il-bini jinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u ġie skedat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar bħala wieħed mill-postijiet storiċi wara talba mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann fl-1994. L-istalel ġew mibdula f'sala kbira tal-Kavallieri, għalkemm għadhom jidhru l-ħofor fil-ħajt fejn kienu jiġu marbuta l-annimali ħafna snin ilu. Hemm ukoll kappella żgħira, kċina, bitħa kbira interna bis-siġar u l-fjuri u kmamar oħra li jintużaw kull darba li jiltaqgħu l-membri ta' l-Ordni. Il-post jinfetaħ għall-pubbliku darba fis-sena fl-okkażjoni ta' Jum San Ġwann organizzat mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann nhar l-24 ta' Ġunju.

Il-Commandery of the Castello hija waħda miż-żewġ branek ta' l-Ordni ta' San Lazzru f'Malta. Il-branka l-oħra hija l-Grand Priory li twaqqfet fl-1966 mill-Commander Robert Gayre. L-ewwel membri kienu jinkludu lil Sir Hannibal Scicluna, Col. J V Abela, Chev. Elias Zammit, Chev.

Anthony Miceli-Farrugia, Prof. Dr. J V Zammit Maempel u Chev. Robert Biasini dei Conti Stagno Navarra. Chev. Joseph Amato Gauci, li kien Grand Chancellor ta' l-Ordni, sar membru iktar tard. Il-Grand Prior preżenti huwa l-Konslu Antoine Zammit, Markiż ta' Tiana, li sar membru fl-1967.

Biex issir taf iżjed dwar il-Kostituzzjoni, l-Istatut u r-Regoli Ġenerali ta' l-Ordni ta' San Lazzru ara httpĠċċwww.st-lazarus.netċmaltaoċmalta.htm
Għal iktar informazzjoni ikkuntattja lil Gran Chancery f'Villa Attard, Triq San Bartilmew, Gharghur NXR 07. Tel: 2143 1060 - 21418923.



*Chev. Reginald S. Attard*
*Grand Chanceller*